**11/2025**

# STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

06 T'OTTUBRU 2025

## KTP TFAKKAR IL-JUM DINJI TAL-ARKITETTURA 2025: ITTENNI S-SEJĦA TAGĦHA GĦAL POLITIKA NAZZJONALI TAL-ARKITETTURA

Il-Kamra tal-Periti (KTP) tingħaqad ma' arkitetti madwar id-dinja kollha biex tfakkar il-Jum Dinji tal-Arkitettura 2025, imwaqqaf mill-Unjoni Internazzjonali tal-Arkitetti (UIA). It-tema ta' din is-sena, "Diżinn għas-Saħħa", tħeġġeġ lill-arkitetti jaddottaw prattiċi li jippermettu lill-ambjent mibni jiflaħ, jadatta u jerġa' jiġġedded, filwaqt li jippromwovu l-ugwaljanza, il-kontinwità u r-reżiljenza.

F'mument meta s-sistema tal-ippjanar f'Malta reġgħet saret suġġett ta' kontroversja pubblika, din it-tema tieħu tifsira partikolarment qawwija. Id-dibattiti reċenti dwar il-proposti tal-gvern għal tibdil fil-liġijiet tal-ippjanar reġgħu poġġew f'evidenza l-frustrazzjonijiet tal-pubbliku dwar l-iżvilupp eċċessiv, id-deterjorazzjoni tal-kwalità ambjentali, u d-distanza bejn l-ippjanar u s-sodisfazzjon tal-opinjoni pubblika.

Iżda fil-qarsa bejn l-iżviluppaturi u l-attivisti ambjentali, l-arkitettura – id-dixxiplina li tifforma l-ispazji fejn ngħixu – ġiet kompletament imwarrba.

Għal għexieren ta' snin, Malta kienet mgħobbija b'sistema ta' ppjanar maħluqa biex *tillegalizza* l-arkitettura minflok *tagħmillha l-wisgħa*. Sistema li ppruvat tikkodifika d-diżinn f'r-regoli u formuli, bħallikieku l-arkitettura tajba toħroġ minn xi liġi. Ma tistax.

Filwaqt li ċ-*ċertezza legali* hija essenzjali biex jiġu rregolati l-proċessi, qiegħda tnaffar in-natura kreattiva u kontekstwali tal-arkitettura. Il-liġijiet jistgħu jipprovdu ċarezza lil min jiddefendi jew jikkontesta permessi, iżda ma jgħinu bl-ebda mod lill-arkitetti li jaspiraw joħolqu spazji li jsostnu l-komunitajiet, jirrispettaw il-kuntest u jtejbu l-ambjent. L-evidenza ta' dan il-falliment fl-attenta li tiġi legalizzata l-arkitettura tinsab kważi ma' kull roqgħa fl-ibliet u rħula tagħna.



127, Sliema Road
Gzira GZR 1633
Malta

t. +356 21314265
e. info@kamratalperiti.org
w. kamratalperiti.org

Kamra tal-Periti

# STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

06 T'OTTUBRU 2025

Il-Kamra innutat b'dispjaċir iż-żeblieġħ li ġie espress fil-konfront ta' proposti li jsaħħu l-importanza ta' *kunsiderazzjonijiet spazjali, arkitettoniċi u kuntestwali* fid-deċiżjonijiet tal-ippjanar. Dawn mhumiex termini fiergħa; huma l-pedamenti stess ta' ambjent mibni ta' kwalità, reżiljenti u sinifikanti.

Biex "naħdmu għal diżinn ta' saħħa" f'Malta, irridu l-ewwel **niddiżinjaw għall-integrità** – tal-professjoni tagħna, tal-istituzzjonijiet tagħna, u tal-ispazji pubbliċi tagħna. Reżiljenza vera fl-ambjent mibni teħtieġ viżjoni li tmur lil hinn mill-interessi tal-immedjat jew mill-proċeduri legali. Teħtieġ **impenn lejn l-arkitettura bħala att kulturali, soċjali u ambjentali.**

Għalhekk, f'dan il-Jum Dinji tal-Arkitettura, il-Kamra tal-Periti ttenni s-sejħa tagħha biex il-Gvern **jissieħeb magħha fit-tfassil ta' Politika Nazzjonali dwar l-Arkitettura għal Malta** – wieħed mill-ftit pajjiżi Ewropej li għadu mingħajr qafas ta' dan it-tip. Din il-politika għandha tistabbilixxi viżjoni nazzjonali għall-arkitettura, id-diżinn urban u l-ħolqien ta' spazji li jippromwovu l-kwalità, is-sostenibbiltà u l-identità kulturali.

**TMIEM**



127, Sliema Road
Gzira GZR 1633
Malta

t. +356 21314265
e. info@kamratalperiti.org
w. kamratalperiti.org

Kamra tal-Periti